SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 10/K6/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 20/11/'08** **239**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 20/11/'08** **292**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 20 ta' Novembru 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sebgħa membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-14 ta' Novembru 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Parking Meters
4. Culvert fi Triq il-Kbira
5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 09/K6/08 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 09/K6/08.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fis-2.05p.m.

**Rif. Nru. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

4462 Statement mingħand Leon Promotions rigward l-attivita' tal-Karnival li saret f'San Ġiljan fi Frar 2008.

4497 Ittra mingħand il-BMX Association Malta rigward talba sabiex jiġi provdut servizz ta' żewġ gwardjani lokali waqt l-attivita' li ser tittella' nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru 2008.

4504 Talba mingħand is-sidien tar-Ryan's Pub għal permess biex jitpoġġa Big Screen fil-Car Park tat-Tigulio sabiex jintwera l-futbol u talba biex jiġi organizzat party fl-1 ta' Mejju 2009.

4509 Programm ta' attivitajiet mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġi mfakkar il-15 anniversarju tal-Kunsilli Lokali.

4527 Ittra mingħand il-MEPA rigward PA 07181/07 *Site at Triq id-Dragunara to erect boundary wall – change of use to car park*.

4567/4578/3823 &K914 Korrispondenza mal-Kumitat Olimpiku Malti rigward nominazzjoni tal-Kunsill għall-"MOC Sports Awards 2008".

4569 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward pagament dwar logħob tan-nar li ttela' fi żmien il-festa tal-Balluta.

4570 E-mail mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport sabiex issir co-ordination meeting biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni ta' One Way Traffic Management fi Triq id-Dragunara.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4462

2.02 B'riferenza għat-talba li saret mingħand il-Leon Promotions rigward l-attivita' li ġiet imtella' fil-Karnival ta' Frar 2008 saret riferenza għall Minuti 38/K5/08 datati 24/01/08 u Minuti 04/K6/08 datati 15/05/08 (Ara Appendiċi 'A'). Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello jiddiskuti din il-kwistjoni ma' l-Onorevoli Mario DeMarco fil-laqgħa li għandu miegħu nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2008 sabiex ma tibqax pendenti.

Rif. Nru. 4497

2.03 B'riferenza għall-ittra mingħand il-BMX Association Malta rigward attivita' li ser tittella' fit-23 ta' Novembru 2008 ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jipprovdi s-servizz ta' żewġ gwardjani lokali.

Rif. Nru. 4504

2.04 B'riferenza għat-talba li saret mis-sidien tar-Ryan's Pub ġie deċiż unanimament illi:-

- Fir-rigward it-talba biex jiġi organizzat street party fl-1 ta' Mejju 2009, il-Kunsill oġġezzjona li jinħareġ il-permess għal din l-attivita'. Għalhekk għandhom jiġu nfurmati b'dan il-Pulizjija u l-MTA u jekk jinħareġ dan il-permess isir avviż fuq l-Independent fejn il-Kunsill jidisassoċja ruħu minn din l-attivita';

- Fir-rigward it-talba biex jintrama' Big Screen sabiex jintwera l-futbol fit-28, 29 u 30 ta' April u l-5, 6, 7, 27 u t-30 ta' Mejju 2009 ġie deċiż unanimament illi:-

  a) jiġu obligati jixtru s-servizz ta' żewġ gwardjani lokali biex jiġi kkontrollat it-traffiku waqt dawn l-attivitajiet;

b) Minbarra l-permessi normali li jridu jinħarġu, l-Kunsill jidħol f'diskussjoni ma' l-applikanti ( is-sinjuri Andre' Mifsud u Robert Agius) biex l-attivita' ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u jekk jintlaħaq ftehim jiġu nfurmati l-ADT. L-applikanti, Mifsud u Agius, jiġi mitlub ukoll iħallsu l-ammont ta' € 1151 bħala parti mill-permessi. Jekk jirriżulta li l-ADT titlob xi ħlas mill-Kunsill dan iridu jagħmlu tajjeb għalih l-applikanti Mifsud u Agius.

Rif. Nru. 4527

2.05 B'riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA rigward l-applikazzjoni li saret *To erect boundary wall – change of use to car park, Site at Triq id-Dragunara, San Ġiljan* (PA 07181/07) il-Kunsill ġie infurmat li kopja ta' din l-ittra ntbagħtet lill-Perit Stephen Farrugia, MP&DC. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello jiċċekkja jekk hemmx applikazzjonijiet oħra biex tiġi żviluppata din l-area u li dan is-suġġett jerġa jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill li ser issir fid-9 ta' Diċembru 2008 fis-2.00pm.

Rif. Nru. 4567 / 4578 / 3823

2.06 B'riferenza għall-ittri mingħand il-Malta Olympic Committee rigward il-MOC Sports awards ġie deċiż unanimament illi tintbagħat 'addenda', għall-ittra li diġa ntbagħtet fis-7 ta' Ottubru 2008 rigward kontribut li l-Kunsill jagħti fuq bażi regolari lill-isport Malti. Dan kif ġej:-

- Jiġu organizzati Waterpolo Tournaments bejn Klabbs ta' San Ġiljan bil-parteċipazzjoni ta' teams barranin;
- Issir 5Km road race;
- Isiru attivitajiet mill-BMX Association b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali;
- Ingħatat għajnuna finanzjarja lin-Nurseries tal-Waterpolo klabbs ta' San Ġiljan u tan-Neptunes;
- Il-ground 5 a-side fil-kumpless il-ġdid li sar f'Ta' Ġiorni, Ġnien Dun Anton Sciberras jista' jintuża wkoll għal-logħob 7 a-side;

Rif. Nru. 4569

2.07 Saret riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward pagament li sar b'konnessjoni ma' wirja tan-nar. Ġie deċiż unanimament illi tinġibed l-attenzjoni li din il-wirja tan-nar saret bħala parti mill-International Fireworks and Maltese Food Traditions Festival li ġiet organizzata mill-Għaqda tan-Nar, Festa Madonna tal-Karmnu, Balluta, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u għalhekk tħallas l-ammont ta' €582.34 (Lm250) biex ikopri parti mill-ispejjeż. Għandha tintbagħat kopja ta' l-ittra tagħna Rif. K570/27b/08.

Rif. Nru. 4570

2.08 B'riferenza għall-email mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport sabiex isir co-ordination meeting biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni ta' One Way Traffic Management fi Triq id-Dragunara, ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello u l-Kunsillier Richard Scicluna jattendu għal din il-laqgħa.

## 3 Parking Meters

3.01 Is-Sindku Peter Bonello ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi ġie ssuġġerit lill-Onorevoli Chris Said li jiġu ntrodotti parking meters fil-lokalita' u li r-residenti jiġu eżentati mill-ħlas. Saret riferenza għall-ittri li ntbagħtu f'dan il-kuntest (Rif Nri. K846/200b-08/08 u K1023/200b-08/08).

3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro talab illi jingħata rapport ta' kemm jinħarġu ċitazzjonijiet b'konnessjoni mar-'residential parking' fl-area ta' The Gardens u Paceville, nhar ta' Sibt bejn it-8.00pm u s-1.00am.

## 4 Culvert fi Triq il-Kbira

4.01 Saret riferenza għall-kwotazzjoni mingħand il-Perit Lino Cachia rigward kostruzzjoni ta' culvert fi Triq il-Kbira (Rif Nru. Inc. 5213/07 u Minuti 38/K5/08 datati 24/01/08 – Ara Appendiċi 'B') u d-deċiżjoni li kienet ittieħdet biex tinżamm 'on hold'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi issir talba lill-MP&DC biex issir reviżjoni tal-kwotazzjoni u jekk id-differenza hija raġonevoli il-culvert issir.

## 5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

5.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2535 sa 2549 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 l-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2535 sa 2549.

6.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 7 Materji Oħra

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru 2008 is-Sindku Peter Bonello u Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Avukat Stefano Filletti li ta l-parir biex jiġi propost lill-AKL li jinħoloq 'Public Liability Insurance pool' bejn il-Kunsilli Lokali kollha. Dan minħabba l-kawżi li żdiedu l-qorti u biex il-Kunsilli ikunu koperti aħjar.

7.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

7.03 Is-Sindku Peter Bonello ta spjegazzjoni qasira fir-rigward ix-xelters li hawn fil-lokalita' u li jekk jitnaddfu jistgħu jkunu ta' interess lill-pubbliku. Is-Sur John Agius ġie mitlub jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa filwaqt li s-Sindku ser jipprova jara min jista jiffinanzja dan il-proġett.

7.04 Ġie deċiż unanimament illi jsir il-patching f'Ta' Ġiorni u toroq oħra fejn saret il-ħsara bil-maltemp.

7.05 Il-Kunsill ġie infurmat illi:-

- b'diżvista l-ammont li l-Kunsill irċieva mill-LES ġie ddepositat fil-kont ta' l-HSBC minflok tal-BOV u jekk il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dan jibqa' fil-kont ta' l-HSBC.

- bħas-snin li għaddew, din is-sena wkoll fi żmien il-Milied, il-kuntratturi tal-kunsill, l-impjegati w il-kunsilliera ser jingħataw xi xorb u ċikkulatini

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

7.07 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2008 fil-11.00am il-Kunsill ġie mistieden biex jiltaqa' ma l-Onor Dr. Mario DeMarco, l-Auberge d'Italie, l-Belt, fejn ser jiġi diskuss it-Turiżmu fil-lokalita'.

7.08 Nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru fl-10.30am ser issir laqgħa ma' Ms Maria Schembri mill-MEUSAC. Din il-laqgħa ser issir minħabba li l-kumitat għandu bżonn aktar dettalji u informazjoni dwar il-proposti tal-Kunsill biex ikun jista' jibbenifika mill-fondi ta' l-EU.

7.09 Ġie deċiż unanimament illi din il-laqgħa tiġi posposta għal wara t-3 ta' Diċembru 2008 u ssir wara s-2.00pm.

7.10 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-kors tal-kompjuter ser jibda madwar it-tielet ġimgħa ta' Jannar 2009. Ser ikun imqassam fuq sitt ġimgħat u kull lezzjoni hi ta' madwar sagħtejn. Dawn ser isiru fil-Millennium Chapel. Il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2008 is-Sindku ser jiltaqa' mal-parteċipanti fil-Millennium Chapel. L-applikazzjonijiet jiġu aċċettati sal-5 ta' Diċembru 2008.

7.11 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fl-3.50pm.

7.12 Il-Kunsill ġie nfurmat illi s-Sur Victor Cachia għamel erba' tijiem l-isptar u aktarx ikollu bżonn jerġa jidħol it-Tnejn 24 ta' Novembru 2008. Ġie deċiż unanimament li s-Sur Cachia jitħallas tax-xahar kollu u li l-ħin nieqes jiġi kkompensat matul is-sena.

7.13 Ġie deċiż unanimament illi:-

- ssir talba lill-ADT sabiex fil-Pjazza ta' Spinola l-karozzi jipparkjaw bl-exhaust pipe iħares il-barra.
- Il-kuntrattur Schranz Ltd jiġi nfurmat biex mill-aktar fis possibbli jiġi rranġat id-dawl ta' Ġnien Dun Anton Sciberras, isir ix-xogħol li hemm fuq il-lista li saret ta' xogħolijiet li għandhom bżonn isiru u l-grada li beda jwaħħal, tersaq aktar il fuq.

7.14 Il-Kunsillier Karl Gouder ġie skużat fl-4.05pm

7.15 Inġibdet l-attenzjoni għax-xogħolijiet li qed isiru mill-Gvern Ċentrali fi Triq Albert Mayr u s-Sindku Peter Bonello għandu jikkuntattja lill-Perit Conti li qed tieħu ħsieb dawn ix-xogħolijiet.

7.16 Ġie deċiż unanimament illi l-ħarġa għall-anzjani ssir fis-17 ta' Diċembru 2008, għal 200 resident. Ser jinxtraw xi affarijiet għar-raffle.

7.17 Il-Faces Consultants Ltd għandhom jiġu nfurmati li l-Bus Shelter ta' quddiem il-Wembley Garage qiegħed iqattar.

7.18 Ġie deċiż li ssir rampa għall-' wheelchairs / pushchairs' fi Triq il-Knisja, bejn l-Arcadia u l-entratura tal-garage (faċċata ta' Gort Street). Il-Kunsillier Richard Scicluna ser jiltaqa' mal-kuntrattur 'on site' biex jurih il-post ta' fejn trid issir.

7.19 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-4.20p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**